**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2016**

Kawza Numru: 260/2016JB

Numru: 54

**Alan Aquilina (K.I.: 204083M)**

***vs***

**Mavrick Zammit (K.I.: 193188M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-15 ta' Lulju 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn u seba' mitt euro (€2,700) liema somma tirraprezenta bilanc ta' ekwiparazzjoni wara permuta ta' vetturi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jikkontesta dina l-kawza;

Ra n-nota prezentata llum stess fejn l-Attur irriduca l-pretensjoni tieghu ghas-somma ta' seba' mitt euro (€700);

Sema' x-xhieda;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi

espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut – ghad li debitament notifikat – naqas milli jipprezenta risposta. Mill-banda 'l ohra, l-Attur irnexxielu jipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur s-somma ta' €700 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mis-16 ta' Awissu 2016, data tan-notifika tal-kawza (a fol 7). L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*